# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sittax (17) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 22 t' Ottubru 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Viċi Sindku esprima d-diżappunt tiegħu lejn wieħed mill-kowċes tal-football [ref: punt nru. 3.1] għax iħoss illi mis-Summer League s'issa ma tantx qegħdin ikellmuh. Qal ukoll illi hu ma kienx involut fl-organizzazzjoni tas-Summer League u ma jifhimx għalfejn hemm din it-tensjoni lejh. Qal illi bħala missier ta' tifel tan-Nursery, hu inkwetat fuq dan kollu u diġa tkellem mal-Head Kowċ. Fl-istess ħin assigura li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni kontra t-tifel tiegħu, izda hu mdejjaq bis-sitwazzjoni. Is-Sindku qal illi problemi għandhom jiġu solvuti madwar il-mejda tal-Kunsill, u l-kowċ u Head Kowċ se jkunu mistednin għal laqgħa li jmiss.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-GreenPak għandhom jiġbru s-sett tal-BIS extra ta' Ta' Ġawhar [ref: punt nru. 3.4] fil-ġranet li ġejjin. Dawn se jmorru f'triq il-Kuċċard.

3.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa ċaħad li qabel li nzidu l-ħin tal-wardens ġor-raħal f'2011. Qal illi kien waqqahom għal erbgħa sigħat fil-ġimgħa u fakkar lis-Sindku u l-kunsillier Publius Abdilla li kien anka għamel laqgħa magħhom fejn waqqajna s-sigħat. Is-Sindku qal illi suppost il-wardens issa għandhom jiġu għal sagħtejn kuljum, fejn għandhom jagħmlu tletin minuta biss ġol-qalba tar-raħal. Qal ukoll illi qed jitlob għal siegħa kuljum biss, bħal ma kien isir taħt l-iSterling Security fil-passat. Is-Sindku zied illi għandhom imorru fejn ngħidulhom aħna.

3.4 Is-Sindku qal illi l-ETC bagħtu zewġ ħaddiema li jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ madwar ir-raħal. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi sema diskors fejn intqal illi hu kien li neħħa l-ħaddiema tal-IPSL. Qal illi ma jistax jaċċetta din il-gidba! Qal ukoll illi tkellem mal-eks ħaddiema u jaf illi tnejn minnhom huma f'post aħjar, u jekk huma kuntenti fejn qegħdin jemmen illi għandhom jibqgħu hemm. Fl-istess ħin qal illi wieħed minnhom ma kienx daqshekk fortunat u spiċċa agħar milli kien hawn. Qal ukoll illi l-IPSL għandhom jikkumpensawna l-ammont ta' ħaddiema, u mhux bilfors bl-istess ħaddiema [ref: punt nru 3.9]. Zied illi meta tkellem magħhom wieħed qal illi jixtieq jiġi lura hawn, wieħed le, waqt illi l-ieħor deher indeċiz. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu rimedju għal kemm ilhom neqsin il-ħaddiema. Is-Sindku qal illi xorta għadna għaddejin bis-servizz tal-Egov [ref: punt nru 3.9].

3.5 Is-Sindku qal illi għadu jrid iċempel biex jikkonferma dwar l-episodju ta' Xarabank [ref: punt nru. 3.10].

3.6 Is-Sindku qal illi l-ġardinar għandu jagħmel ix-xogħol meħtieġ għaż-żbir tas-siġar [ref: punt nru. 3.12] waqt li tal-ETC se jagħmlu xogħol izjed "heavy duty". Dawn il-ħaddiema se jpoġġu l-bins [ref: punt nru. 3.14] antiki [fejn l-istages tal-Puniċi, triq San Ġwann u doggy bin fit-triq tal-Karwija]. waqt li tal-Pjazza se jkunu izjed puliti.

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-sid tal-garaxx [punt nru. 3.15] se jieħu x-xogħol x'imkien ieħor u b'hekk se nevitaw il-perikli li kienu jeżistu.

3.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Head Kowċ għandu jitkellem mal-kowċ [ref: punt nru. 4.1] u jfakkru dwar ir-responsabilitajiet tiegħu bħala kowċ waqt il-ħinijiet tan-Nursery. Qal ukoll illi għandna nibdew naħsbu għal U13 għal sen'oħra [ref: punt nru. 4.2]. Qal illi m'hemmx spejjez kbar. Hu ma jaqbilx

mas-sistema li nuzaw issa, fejn hemm 2 sezzjonijiet [A u B] u li għandna jkolna U7,9,11,13, eċċ. Qal illi hemm nurseries li għandhom plejers li ma jsibux post fit-tim tagħhom għal tournaments u nkunu nistgħu nagħtu l-opportunita lil dawn il-plejers biex jipparteċipaw f'isem Ħal Safi minflok. Qal ukoll illi qed jara ħafna tfal juzaw il-grawnd tagħna, għax huma mir-raħal, u jkunu lebsin il-kuluri ta' timijiet rivali u ma jieħux pjaċir jarahom meta jaf illi għandna n-nursery tagħna. Is-Sindku qal illi dawk in-nies li urew l-ikbar interess biex ikun hemm "mother club" għar-raħal kienu dawk illi neħħew it-tfal tagħhom minn nursery tagħna, u għalhekk ma nistgħux nisimgħu minn kulħadd. Qal illi dawn raw in-nursery bħala l-ispalla sa kemm it-tfal jipromettu, imma imbagħad bagħtuhom ma' nurseries oħrajn. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandu kull interess illi nsalvaw in-nursery tagħna waqt li zied li qegħdin nonfqu mijiet ta' ewro fix-xahar għal 2 sezzjonijiet, fejn bl-istess flus clubs oħrajn qegħdin jgħinu mill-U 17's sal-kbar. Għalhekk jemmen illi l-kowċes għandhom jieħdu izjed responsabilitajiet. Il-kunsillier Carlo Stivala kellu l-ideja wkoll sabiex nagħmlu turnament tat-tfal fil-grawnd tagħna li ssir kull sena.

3.9 Il-Viċi Sindku qal illi jixtieq jattendi għal laqgħa tal-kunsilliera organizzata mill-AKL. Fost punti oħrajn, qal illi jixtieq jilmenta fuq in-nuqqas ta' ftehim li kien hemm rigward il-LifeLong Learning [ref: punt nru. 4.5].

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-email ta'Transport Malta dwar triq il-Kuċċard intbagħtet lir-residenti tat-toroq illi ġew affetwati b'dan ix-xogħol [ref: punt nru. 4.6]

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi r-residenti ffirmaw ittra, u mhux petizzjoni rigward ir-road hump ta' triq Ta' Ġawhar [Ref punt nr. 6]. B'hekk ma kienx hemm għalfejn ID nos.. Hu qal illi xorta ma jaqbilx mat-talba. Dwar l-iskuza tal-ħġieġ li jaqa' mit-truck tal-iskips, qal illi x-xufier għandu jiċċekkja l-kaxxa li żżomm il-ħġieġ u l-ħsara mhux qed isir minħabba r-road humps. Qal illi għandna nibagħtu lil kuntrattur biex ngħidulu li kelna dan l-ilment. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-istess nies li ffirmaw l-ittra kienu dawk illi għamlu talba biex isir fil-passat. Il-Viċi Sindku zied illi m'hemmx djar fejn ir-road hump. Is-Sindku u l-kunsillier Publius Abdilla qalu li għandha ssir sħiħa biex ħadd ma jkun jista jiskartaha. Fl-aħħar il-kunsillier Carlo Stivala qal illi nkunu qegħdin inzidu l-periklu hemm jekk nimxu fuq din it-talba.

3.12 Il-Viċi Sindku qal illi l-għalliema taz-Zumba li kienu jkunu Ħal Kirkop ma jistgħux jagħtu lezzjonijiet fis-sala tal-Kunsill bħalissa. Il-Kunsill se jkompli jfittex għal għalliema oħrajn.

3.13 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma jistax jifhem [punt nru 10.7] ir-raġunijiet għalfejn persuna qed jgħid illi hu u l-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Carlo Stivala ma qablux mar-restawr tal-gandlieri tal-knisja, meta qatt ma sar dan id-diskors fil-laqgħa. Il-Kunsill mexa mar-regolamenti u ddeċieda li ma jistax jingħata donazzjoni [Att dwar Kunsilli Lokali- KAP 363, Art 63A]

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsill irċieva proposta biex inzidu l-ammont ta' toroq li huma 'one way' fir-raħal. Il-proposta nkludiet illi karrozzi jinzlu minn triq it-Tellerit [għal triq il-Kuċċard] u jitilaw [minn triq il-Kuċċard] via triq Salvu Cauchi u triq is-Summien. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mal-proposta peress illi jkun hemm karrozzi pparkjati. Il-Viċi Sindku Johan Mula qabel. Is-Sindku qal illi dawn l-affarijiet għandhom isiru bil-ftehim ma' Transport Malta. Il-Viċi Sindku staqsa fuq it-toroq li hemm deħlin għal triq Dun Ġużepp Caruana [mad-dar tal-Kappillan] fejn hemm triq one way, u oħra two way. Hu ma qabilx mat-two way. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-passat il-Kunsill xtaq jagħmel pedestrian area fit-triq id-dejqa li hemm minn triq Santa Marija għal Dun Ġużepp Caruana" biex karrozzi ma jkunux jistgħu jitilgħu lejn l-iskola, izda Transport Malta qalu li biex nagħmlu dik it-tabella, triq Dun Ġużepp Caruana minn triq l-Iskola trid isir one way. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li nagħmlu "Give Way" izda l-kunsillier Publius Abdilla qal illi diġa hemm "STOP".

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil xtaq ikun jaf ta' x'servizz kien li ħallasna lil Kazin San Pawl il-€25. Is-Sindku qal li dak kien tqassim ta' flyers u l-kunsillier imsemmi qal ħa jżomm mal-kelma tiegħu. Fl-istess ħin qal illi hu rċieva flyer bil-programm.

5.2 Il-kunsilliera qablu mal-kontijiet fil-Payment Approval Sheet.

**6. Proġett**

6.1 Is-Sindku qal illi jixtieq jibni IT room. Qal illi dan jista jsir fuq il-binja fejn hemm il-Public Convenience ħdejn il-Kunsill. Qal illi nistgħu nużaw il-kompjuters li ġew upgraded fis-sajf u jkunu

jistgħu jsiru korsijiet tal-IT. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hu favur dan il-proġett jekk il-Kunsill għandu l-fondi għalih. Is-Sindku qal illi jixtieq juza l-ħaddiema tal-Gvern biex jibnu l-post [fejn il-Kunsill ikollu jħallas 30% tax-xogħol u spjega li b'dan ix-xogħol, l-area fejn hemm il-lift se tiġi msaqqfa u jkollna storage fuq in-naħa ta' wara l-binja t-tonda fejn hemm it-taraġ għad-Day Centre. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa minn fejn se jidħlu n-nies. Is-Sindku qal illi xorta jkunu jistgħu jidħlu bil-lift eżistenti jew bit-taraġ. Kien hemm qbil unanimu li dan il-proġett isir.

**7. Informazzjoni dwar il-laqgħa bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u s-sur Emanuel Delia: Ilmenti u rotta t'Arriva.**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Delia kien jaf bil-problemi eżiztenti bir-rotta tal-bus 71. Qal illi ġejjin nies minn barra biex jaraw għaliex wara dawn ix-xhur kollha issa bdew jittardjaw il-buses, kif ukoll qegħdin ikunu mimlijin qabel ma jaslu sar-raħal u b'hekk mhux qegħdin iħallu r-residenti tar-raħal jitilgħu fuq ħafna buses.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Delia mill-ewwel qal illi ma nistgħux intawlu r-rotta tas-71. Minflok se jaraw jekk il-117 u 118 jistgħu jidħlu sa "Qerd in-Naħal". Is-sur Delia kien qal illi problema biex intawlu r-rotta issa. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jibgħat pjanta bir-rotta ta dawn il-buses, u fejn għandhom jidħlu biex jaslu sa' "Qerd in-Naħal". Dawn kienu diġa ntbagħtu lis-sur Delia, kif ukoll lis-sur Ivan Pierre Vella ta' Transport Malta. Is-Sindku qal ukoll illi s-sur Delia ma sab l-ebda oġġezzjoni biex isir bus-stage faċċata ta' Barbara Press.

**8. Għażla tat-tender: Handyman**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nfetħet il-kaxxa tat-Tenders fil-15 t'Ottubru fil-prezenza ta' tlett kunsilliera. Kien hemm żewġ offerti

1. Is-sur Ronnie Barber [€5.50/hr Mon-Fri u €5.50/hr Sun u Public Holidays]
2. Is-sur Marco Vella [€11.80/hr Mon-Fri u €17.70/hr Sun u Public Holidays]

Il-kunsilliera kollha qablu li nuzaw is-servizz tas-sur Ronnie Barber.

**9. Memo 38: Fondi għal festa Kulturali.**

9.1 Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa festa tas-snajja. Is-Sindku minflok issuġġerixxa li niffukaw fuq l-agrikultura. Qal illi għandu target biex din tkun ikbar mill-wrija tal-karrozzi li saret fis-7 t'Ottubru. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dan se jkun diffiċli, għax hemm ħafna dilletanti tal-karrozzi u għalhekk kien hemm ammont kbir ta' nies. Il-kunsillier Carlo Stivala qabel illi għandna nippromwovu l-festa u li għandna naraw jekk hemm voluntiera lesti biex jgħinu. Qal ukoll illi Heritage Malta jgħinu għal festi simili bħal dawn u fil-futur għandna naraw x'jistgħu joffru.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ppropona li nneħħu t-tabelli tar-road humps li ma jezistux issa [f'triq Dun Karm Lia u triq il-Kuċċard].

10.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk irranġawx il-bozza ta' fejn il-Każin tal-PN. Hu qal illi issa reġgħet intfiet.

10.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa r-raġuni għal fejn it-triq tal-Karwija kienet magħluqa nhar l-Ħadd 14 t'Ottubru. Is-Sindku qal illi kien hemm ir-roti qegħdin iduru biex jiġbru l-fondi għal Aid for Kyle. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma kienx jaf dwar dan u esprima li hu mdejjaq li qegħdin jiġru attivitajiet mingħajr informazzjoni. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ħareġ permess biss.

10.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jixtieq jagħmel ħarġa kulturali f'nofs Novembru. Qed jippjana li din isir l-Imdina [Imdina Experience]. Id-dħul u snack se jiswew €8.75 għal kull persuna u se jkollna nzidu xi ħaġa għat-trasport. Qal illi wara jistgħu jmorru sal-katidral.

10.5 Il-Viċi Sindku ppropona illi nixtru r-ritratti antiki tar-raħal li kienu għal bejgħ waqt l-attivitajiet ta' Aid for Kyle. Bihom inkunu nistgħu nesponuhom. Se jara kemm jiswew ir-ritratti.

10.6 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-magna tal-kennies għandiex l-ħsara. Is-Sindku qal li le, izda l-kennies ma juzahix xi drabi.

10.7 Il-kunsillier Carlo Stivala għamel talba biex isir kumitat tal-isport. Qal illi hemm bzonn t'għajnuna meta nagħmlu attivitajiet sportivi, u bil-kumitat ikun hemm firxa aħjar ta' idejat. Il-Kunsill qabel illi jkun hemm kumitat biex jgħin lill-Kunsill, imma mhux sotto-kumitat. Qablu wkoll illi laqgħat tagħhom ma jsirux fil-Kunsill u li n-nies illi jifformaw il-kumitat għandhom ikunu ta' fiduċja għall-kull kunsillier.

10.8 Il-Viċi Sindku ppropona li, jekk insibu fondi, nagħmlu audio visual tar-raħal tagħna.

10.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kull kunsillier għandu jagħti kopja tal-ewwel draft tal-artikli tagħhom sal-aħħar tax-xahar.

10.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi t-tim tal-football jixtiequ jirriklamaw it-tim fil-grawnd tal-Kunsill u jixtiequ jiġbru sponsors via riklami li jsiru fil-grawnd. Qalu wkoll illi l-Kunsill jkun jista jieħu commission. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta għax dan ma jistax isir. Il-Kunsill qabel illi riklami għandhom isiru b'korrespondenza mal-Kunsill u t-tim tal-football ma jistgħux jiddeċiedu. Il-Kunsill jemmen illi diġa qegħdin nagħtu dak li nistgħu lit-tim meta ntuhom ħin biex jitrenjaw fuq il-grawnd bla ħlas.

10.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm min irid iħallas €70 bħala sponsor tas-Summer League.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa nemmet fit-8.30pm

11.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-7 ta' Novembru 2012

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |